MALTA

QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA

Seduta tat-18 ta' April, 2013

Appell Kriminali Numru. 475/2012

Appell Nru. 475/2012

Il-Pulizija
(Spt. Dennis Theuma)
Vs
Jesmond Camilleri

Illum 18 t'April, 2013

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 465170M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fid-29 ta' Marzu, 2008 u fix-xhur ta' qabel din id-data

a. kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-

pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jiprova li d-droga msemmija giet dornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.
b. talli huwa recidiv b’diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Ottubru, 2012, li biha, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellat mhux hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u lliberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fid-19 ta’ Ottubru, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi kollha migjuba f’dan il-kaz issib lill-appellat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi fid-09 ta’ Ottubru 2012 l-esponent irċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, permezz tas-sentenza tagħha kif hawn fuq riferita,

għamlet enuċazzjoni żbaljata tal-provi kif miġjuba li fil-fatt wasslet għall-ħelsien tal-imputat appellat mill-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, nonche serħet il-konklużjoni fuq interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-liġi u għaldaqstant l-esponent qiegħed jinterponi dan l-umli appell ai termini tal-artikolu 413(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

1. <u>L-istqarrija mogħtija mill-imputat appellat lill-Pulizija</u>

Illi konxju tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll ta' ċertu Qrati Maltin, l-esponent itenni li ma jaqbilx mal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) meta għażlet li tiskarta l-istqarrija tal-imputat appellat, in bażi tal-fatt li din ittieħdet fi żmien l-liġi Maltija, fil-każ odjern si tratta tas-sena 2008, ma kinietx tippermetti assistenza legali qabel isir interrogatorju u għalhekk tali stqarrija ittieħdet bi ksur tad-dritt ta' smiegħ xieraq tal-imputat appellat, u dan għal diversi raġunijiet fosthom:

Illi, fost affarijiet oħra, il-Qorti tal-Maġistrati erroneament implikat illi minħabba l-fatt illi l-istqarrija ittieħdet fis-sena 2008, u għalhekk mingħajr id-dritt tal-assistenza legali, l-imputat appellat seta' awtomatikament sofra xi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, b'mod speċifiku tad-dritt għal smiegħ xieraq;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), u ta' Qrati Maltin oħrajn, tnisslu mid-deċiżjoni tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża fl-ismijiet *Salduz vs Turkey;*

Illi pero' l-esponent jemmen f'dan il-każ illi din id-deċiżjoni ġiet segwita mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'mod li ma tagħtx biżżejjed piż għad-dettalji u ċ-ċirkostanzi partikolarissimi li kienu preżenti fil-kawża deċiża mill-Qorti Ewropea kwotata hawn iktar 'l fuq u ma ddistingwitx suffiċjentement dawn il-fatti minn dak li irriżulta f'dan il-każ partikolari;

i. <u>Id-dritt tal-imputat appellat illi jibqa' sieket</u>

Illi qabel ma beda l-interrogatorju l-imputat appellat kien ġie mgħarraf mill-Pulizija stess illi kellu d-dritt illi jibqa' sieket għad-domandi li kienu ser isirilu waqt l-interrogatorju u dak li kien ser jgħid seta' jinġieb bi prova f'każ illi eventwalment jinbdew proċeduri kriminali kontra tiegħu;

Illi *nonostante cio'* l-imputat appellat għażel illi jwieġeb għal ċertu domandi (eż. Fejn jammetti illi kien ilu għaxar snin jabbuża mid-droga eroina u illi l-aħħar li kien abbuża minn din id-droga kien biss ix-xahar ta' qabel ma ttieħditlu l-istqarrija, u ċioe' għall-ħabta ta' Frar 2008) u li jibqa' sieket waqt li sarulu domandi oħrajn (eż. Għażel illi ma jweġibx għaliex kien qiegħed ipparkjat fejn it-trade fair dakinhar li ttieħditlu l-istqarrija u lanqas ma ried iwieġeb minn fejn normalment kien jixtri d-droga);

Illi l-Qorti Ewropea fil-każ *Salduz,* u iktar reċenti il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mogħtija minnha nhar it-08 t'Ottubru 2012 fl-ismijiet *Charles Steven Muscat v Avukat Ġenerali,* spjegat illi d-dritt għall-assistenza legali hu meħtieġ b'mod partikolari f'ċirkostanzi fejn il-liġi ta' xi pajjiż toħloq inferenzi sfavorevoli fil-konfront ta' imputat meta dan jagħżel illi jibqa sieket waqt l-interrogatorju tiegħu;
Illi l-Qorti Kostituzzjonali kella l-opportunita' tispjega kif dan ma kienx il-każ taħt il-liġi Maltija u fil-fatt qalet illi:

"Fil-liġi tagħna kif kienet fiż-żmien relevanti għall-każ tallum, qabel ma daħlu fis-seħħ l-art. 355AT u 355AU tal-Kodiċi Kriminali, il-jedd li tibqa' sieket u ma tweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulek kien assolut u bla kondizzjonijiet, u ma setgħet issir ebda inferenza minn dik l-għażla. Għalhekk, il-konsegwenzi li, fil-fehma tal-Qorti Ewropeja, joħolqu l-ħtieġa ta' parir legali biex l-interrogat jagħżel iweġibx jew jibqax sieket, ma jeżistux fil-każ tallum, għax, għalkemm l-attur ma setax jagħżel li jkellem avukat qabel ma jwieġeb, seta' liberament u bla konsegwenzi ta' xejn jagħżel li ma jweġibx."

Illi fil-każ odjern l-imputat appellat kellu l-liberta' kollha illi jibqa' sieket għad-domandi li jsirulu mingħajr ma kienu ser

isiru ebda inferenza u fil-fatt, l-istess imputat appellat iddeċieda illi jwieġeb għal ċertu domandi li sarulu waqt l-interrogatorju u mhux għal oħrajn. Fi kliem il-Qorti Kostituzzjonali *"din il-liberta' fl-għażla jekk iweġibx jew le tagħti garanzija kontra kull preġudizzju minħabba awto-inkriminazzjoni"* ;

ii. **<u>Il-konfessjoni tal-imputat appellat magħmula waqt l-istqarrija kienet waħda inkondizzjonata u li saret liberament</u>**

L-imputat appellat għamel konfessjoni inkondizzjonata, liema konfessjoni kienet magħmula minnu liberament. Infatti, l-imputat appellat għażel illi jwieġeb għall-abbuż tiegħu tad-droga iżda li ma jweġibx minn fejn kien qed jixtri din id-droga, jew jekk kienx hu stess li kien qed ibiegħ id-droga ;

L-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi regola sempliċi u sagrosanta–

Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittieħed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ***<u>ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.</u>***

[enfasi tal-esponenti]

Illi bid-dovut rigward, sa fejn jaf l-esponenti, dan l-artikolu għadu jinsab fil-Kodiċi Kriminali Malti u s'issa ma ġiex dikjarat inkostituzzjonali. Illi l-enfażi ta' din il-Liġi sempliċi u ordinarja hija li konfessjoni, magħmula ma min (ċioe' kemm mall-Pulizija u kemm ma xi terza persuna oħra) u fejn magħmula, dment li hija magħmula b'mod ħieles, u dment li tkun magħmula skond dan l-artikolu, għandu jkollha s-saħħa ta' prova favur jew kontra dak li jkun għamilha. Dment li din il-konfessjoni, ossija stqarrija, tkun magħmula mill-persuna li tirrilaxxjaha volontarjament u ma tkunx ġiet imġiegħla, jew meħuda b'theddid, jew b'biza, jew b'wegħdiet, jew bi twebbil ta' vantaġġi, tista tinġieb bi

prova. Il-Liġi teżiġi biss li sabiex konfessjoni tkun valida trid tkun **<u>magħmula</u>** **<u>bir-rieda ħielsa u konsapevoli</u>** tagħha – irrispettivament fejn, ma min u meta tkun saret din il-konfessjoni;

Illi fil-fatt jirriżulta illi wara li persuna tkun ġiet mwissija mill-Pulizija li tista' tagħżel li ma titkellimx u li dak li tgħid jista' jinġieb bi prova, dik l-istess persuna fl-aħħarnett tiddikjara illi:

"…din l-istqarrija għamiltha volontarjament, mingħajr theddid, jew wegħdi jew promessi ta' xi vantaġġi jew favuri u wara li qrajtha nikkonferma li ma rridx inżid jew innaqqas jew inbiddel xejn minnha u nagħżel [f'dan il-każ] *li ma niffirmax."*

Illi għalhekk is-sempliċi fatt waħdu illi persuna ma tkunx ikkonsultat ma avukat qabel ma tkun għamlet konfessjoni ma għandux neċessarjament iwassal biex tali konfessjoni tkun ritenuta li tkun ingħatat **<u>kontra</u>** l-Liġi u kontra r-rieda ta' dak li jkun; iktar minnhekk ma għandux ikun preżunt illi tali nuqqas ta' assistenza twassal għal-ksur ta' xi drittijiet fundamentali tal-bniedem u l-konsegwenti inammissibilita' tal-konfessjoni magħmula;

Illi l-esponent iżid jgħid illi l-interpretazzjoni li qed tingħata minn dawn il-Qrati, li tali konfessjonijiet għalkemm mhux sfilzati mill-atti għandhom jiġu xorta waħda skartati għaliex preżunti vjolattivi tad-drittijiet tal-bniedem għal smiegħ xieraq, ixxejjen il-prinċipju fundamentali proċedurali Malti misjub fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali, imsemmi iktar 'l fuq, li jiffoka fuq il-***<u>volontarjeta'</u>*** tal-konfessjoni ;

Fl-umli fehma tal-esponent l-effett legali ta' dan l-artikolu, magħqud mal-fatt li l-imputat appellat kien ġie espliċitament imwissi bil-konsegwenzi fil-każ li jitkellem mal-pulizija (anke jekk hu jkun tkellem mingħajr il-preżenza tal-avukat tiegħu), u minkejja tali twissija huwa liberament jagħżel li jkompli jitkellem mal-Pulizija, iwassal sabiex tali prova għandha tiġi ritenuta bħala prova legalment valida, produċibbli, ammissibbli u rilevanti għal

fini tal-kumplament tal-proċeduri legali li jsegwu minn hemmhekk flimkien ma provi oħrajn li tresqu f'dan il-każ;

iii. **<u>L-imputat appellat qatt ma allega xi trattament ħażin mill-awtoritajiet fil-konfront tiegħu</u>**

Illi fil-każ *Salduz* kien hemm allegazzjoni ta' trattament ħażin fil-konfront tiegħu waqt l-interrogazzjoni, kif ukoll illi l-istqarrija ingħatat meta allegatament kien imġiegħel u f'kuntest ta' reati li huma ta' natura politika b'konnessjoni terroristika. Lanqas kien hemm lok fil-każ preżenti t'intervent tal-Kumitat kontra t-Tortura (CPT) fit-Turkija bħal ma kien hemm fil-każ ta' *Salduz*.

F'dan is-sens, il-Qorti Ewropea fil-każ *Salduz* tispjega illi l-prinċipji enunċjati f'dik is-sentenza, fosthom id-dritt għall-assistenza legali fi stadju tal-interrogatorju, hu "…*in line with the generally recognised international human rights standards (see paragraphs 37-42 above) which are at the core of the concept of a fair trial and* ***<u>whose rationale relates in particular to the protection of the accused against abusive coercion on the part of the authorities</u>****."* Il-Qorti tkompli tispjega illi *"this right presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused…"*

Illi fost konsiderazzjonijiet jew fatturi oħrajn, dan il-fattur (ċioe' ta' trattament ħażin waqt it-tehid tal-istqarrija) ingħata importanza wkoll fil-kawża ta' *Charles Steven Muscat* li eventwalment wassal lill-Qorti Kostituzzjonali tiddeċidi illi ma kienx hemm leżjoni tad-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq [para 26]. L-istess jista' jingħad fil-każ in diżamina, fejn fil-fatt minn imkien ma jirriżulta li b'xi mod l-imputat appellat ġie trattat ħażin, mhedded, imsawwat jew li intużat xi vjolenza kontra tiegħu; lanqas ma jirriżulta li l-imputat appellat ipprotesta f'xi punt li din l-istqarrija ġiet meħuda minnu permezz ta' vjolenza, pressjoni jew maniġġi ossija *duress*. Apparti minn hekk ma jirriżultax li l-Pulizija b'xi mod intimidaw lill-imputat appellat jew ġiegħluh jirrilaxxja stqarrija.

iv. L-imputat appellat fl-ebda mument ma ġie mċaħħad mid-dritt għall-assistenza legali

Illi l-Qorti Ewropea fil-każ *Salduz* qalet illi d-dritt għall-assistenza legali jista' jiġi ristrett, jew fi kliem ieħor miċħud, f'każijiet fejn tintwera raġuni tajba għal din ir-restrizjoni. F'każijiet bħal dawn, tali restrizzjoni trid tiġi interpretata fil-kuntest tal-proċeduri penali fl-intier tagħhom;

Illi fil-każ in diżamina, fl-ebda mument ma jirriżulta mill-atti proċesswali illi l-imputat appellat ġie imċaħħad mid-dritt li jikkonsulta avukat. Verament li l-liġi Maltija ma kienetx tipprovdi dritt għall-assistenza legali qabel, u/jew waqt, interrogatorju b'mod espliċitu, fis-sens li l-liġi li kienet tawtorizza tali assistenza qabel l-interrogatorju kienet għadha mhux fis-seħħ, iżda mill-banda l-oħra l-imputat appellat fl-ebda mument ma talab li jingħata possibilita' li jikkonsulta ma' tali avukat. B'hekk ma jistax jingħad li f'xi mument ġiet miċħuda xi talba għal assistenza legali għax tali talba qatt ma saret. Fl-aħħar mill-aħħar kulħadd għandu dritt ġenerali t'assistenza legali. Fil-każijiet *Salduz* u *Panovits* il-Liġi kienet tipprovdi għal assistenza legali jew konsulta legali u din ma ġietx offruta fil-mument opportun.

v. Id-dritt għal smiegħ xieraq għandu jkun evalwat fit-totalita' tal-proċedura

Illi bħala prinċipju ma jeżisti l-ebda dritt fundamentali t'assistenza legali iżda jeżisti biss dritt fundamentali ta' smiegħ xieraq meta bniedem ikun akkużat b'reat kriminali. Infatti, il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' *Charles Steven Muscat* f'paragrafu 13 tas-sentenza tgħid illi :

« Tassew illi hemm element ta' kontradizzjoni fil-motivazzjoni tal-ewwel qorti illi, għalkemm qablet illi « bħala prinċipju ma jeżisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali waqt li tkun qed tirralxja l-istqarrija, pero' jeżisti dritt fundamentali ta' smigħ xieraq fi proċess fejn xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali, waslet għall-konklużjoni illi « l-fatt biss li r-rikorrent kien prekluż mil-liġi li jikkonsulta ma' avukat hu biżżejjed sabiex jiġi konkluż li

d-dritt pretiż mir-rikorrenti ġie miksur », bħallikieku dan « il-fatt biss » u waħdu, u indipendentement minn kull ħaġa oħra, ipso facto jwassal għal ksur »

Fil-fatt, dan m'huwiex, u ma għandux ikun, il-każ għaliex huma l-proċeduri u l-proċedimenti penali fit-totalita' tagħhom li għandhom jiġu mistħarġa biex wieħed jiddetermina jekk persuna tkunx ingħatat dritt ta' smiegħ xieraq effettiv fil-prattika. ***Kull meta l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sabet li kien hemm ksur tad-dritt ta' smiegħ xieraq minħabba n-nuqqas t'assistenza minn avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija, dejjem ikkwalifikat il-ġudizzju tagħha u qalet li jekk eventwalment il-persuna ma kienx ser jkollha smiegħ xieraq fil-proċeduri kriminali, allura l-persuna għandu dritt ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni.*** L-esponenti jissottometti illi ċertament illi mhux il-każ illi l-Qorti Ewropea f'xi mument qalet li jekk persuna ma kienitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni, allura awtomatikament dik il-persuna sofriet ksur ta' dritt ta' smiegħ xieraq;

Illi fil-każ odjern il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet kompletament l-oppost ta' dak mistqarr hawn fuq billi naqset li tevalwa id-dritt għal smiegħ xieraq fir-rigward tat-totalita' tal-proċedura u minflokk evalwat dan id-dritt fir-rigward ta' mumenti partikolari minnha, ċioe' fl-istadju tal-interogazzjoni meta l-imputat appellat irrilaxja stqarrija. Dan imur kontra l-prinċipji enunċjati mill-Qorti Ewropea, li fil-każ ta' *Imbroscia vs Switzerland,* qalet illi *the manner in which article 6(1) and 3(c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special features of the proceedings involved and on the circumstances of the case.* ***In order to determine whether the aim of article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case****".*

[enfasi tal-esponenti]

Huwa evidenti li dan id-dritt irid jiġi meħud fid-dawl tal-proċeduri penali kollha meħuda fil-konfront ta' persuna.

Infatti, l-esponent ma jiskantax li dak li ġie deċiż f'dan il-każ Salduz kien vjolattiv tad-drittijiet fundamentali **fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' Yusuf Salduz : -**
(a) fid-dawl ta' dak li kien mixli bih,
(b) fid-dawl tal-kuntest politiku u terroristiku li nstab fih,
(c) fid-dawl tal-mod kif sar l-interrogatorju tiegħu,
(d) fid-dawl taċ-ċaħda tad-dritt tal-assistenza legali, meta dan id-dritt kien applikabbli,
(e) fid-dawl tal-fatt li kien hemm allegazzjonijiet serji t'abbuż mill-uffiċjali tal-pulizija,
(f) allegazzjonijiet ta' allegazzjoni ta' trattament ħażin minn naħa tal-pulizija,
(g) fid-dawl t'allegazzjonijiet li kien ġie imġiegħel jirrilaxxja l-istqarrija konfessorja.

vi. <u>L-imputat appellat fl-ebda mument matul il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma ċaħad il-kontenut tal-istqarrija mogħtija minnu lill-Pulizija</u>

Il-Qorti Ewropea fil-każ ta' *Salduz* innutat il-fatt illi Salduz repetutament ċaħad il-kontenut tal-istqarrija tiegħu mogħtija lill-Pulizija kemm waqt il-proċeduri meħudin fil-konfront tiegħu, kif ukoll waqt l-istadju tal-appell. Iktar minn hekk, il-Qorti Ewropea fil-każ *Panovits* qalet "*...that the Supreme Court found that throughout the course of the first-instance proceedings the applicant had consistently tried to negate his initial statement, an approach which had a great impact on the court's assessment of his credibility";*

Illi fil-każ in diżamina, l-imputat appellat ammetta fl-istqarrija tiegħu illi kien qed jabbuża mid-droga eroina, u għalkemm waqt il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) wieġeb illi mhux ħati tal-akkużi kif miġjuba kontra tiegħu, hu qatt ma ċaħad il-kontenut ta' dik l-istqarrija jew li dik l-istqarrija b'xi mod ittieħdet bi vjolenza, theddid jew abbuż;

Illi l-esponent għalhekk isibha diffiċli jemmen kif il-Qorti tal-Maġistrati setgħat waslet biex tiddeċiedi li temmen lill-imputat appellat li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu meta jidher ċar illi din kienet

sempliċiment manuvra sabiex ma jħallasx għal egħmilu delinkwenti!

vii. <u>L-imputat appellat ma kienx minorenni</u>

Illi finalment il-Qorti Ewropea fil-każ *Salduz* enfasizzat il-fatt illi l-akkużat kien wieħed minorreni. Infatti, il-Qorti spjegat illi *"...the Court notes that one of the specific elements of the instant case was the applicant's age. Having regard to a significant number of relevant international law materials concerning legal assistance to minors in police custody (see paragraphs 32-36 above), the Court stresses the fundamental importance of providing access to a lawyer where the person in custody is a minor."*

L-imputat appellat, fi żmien meta ta l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija, kellu tmienja u tletin sena, u għalhekk raġel matur. Barra minhekk il-fedina penali tiegħu turi illi din ma kienetx l-ewwel interogazzjoni tiegħu. Għalhekk żgur li l-imputat appellat ma setax jitqies li kien xi persuna vulnerabbli meta għamel din il-konfessjoni;

Għalhekk, fin-nuqqas taċ-ċirkostanzi partikolarissimi tal-każ ta' Yusuf Salduz jew Andreas Kyriakou Panovits imsemmija hawn iktar 'l fuq, jista wieħed jgħid serenament li fil-każ in eżami hemm l-istess estremi sabiex il-prinċipji imsemmija f'dawn il-każijiet japplikaw ukoll bl-istess mod identiku u indiskriminat fil-każ ta' Jesmond Camilleri meta l-fatti u ċ-ċirkostanzi kienu għal kollox differenti?

Fl-umli fehma tal-esponent, ċerti prinċipji legali li m'humiex assoluti, mogħtija minn liema Qorti jkunu mogħtija, ***<u>ma jistgħux u ma għandhomx</u>*** jiġu applikati bl-istess mod u f'kull każ indiskriminatament, indipendentement mill-kuntest tal-każ, mill-isfond tal-fatti tal-każ u miċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ. Il-Ġustizzja trid issir b'riferenza għal fattispecie partikolari u tapplika d-dritt għal dawk il-fattispecie partikolari – u l-Ġustizzja trid issir filwaqt li tidher li qed issir. Altrimenti ma jkunx qiegħed isir eżerċizzju t'amministrazzjoni ta' Ġustizzja - li jieħu kont kemm tad-drittijiet tal-persuna suspettata jew akkużata kif ukoll tas-soċjeta Maltija li għandha interess li

tara li reati kriminali (anke meta ammessi u konfessi skond il-Liġi) - jiġu mrażna;

Illi f'dan ir-rigward, l-esponenti jerġa' jagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fil-każ ta' *Charles Steven Muscat* fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet illi *"il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew b'ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat iwassal għal hekk, mela hemm xi ħaġa ħażina ħafna fis-sistema tal-ħarsien tad-drittijiet";*

Illi meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) skartat l-istqarrija minħabba l-allegata leżjoni, l-apprezzament tal-provi kif kien pretiż minnha li tagħmel ma sarx u dan peress li f'ebda mod m'apprezzat il-kontenut tal-istqarrija miġjuba quddiemha irrispettivament tal-fatt li għażlet li tirritjeni dan id-dokument bħala parti mill-provi fil-każ innifsu konsiderando wkoll li din l-istqarrija kienet finalment ittieħdet skond il-liġi in vigore dak iż-żmien u li permezz ta' ġurisprudenza nostrana konsiderando l-ammissjoni fiha, titqies ukoll bħala l-prova reġina.

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent itenni li skond dak dispost mill-artikolu 349(2) tal-Kodiċi Kriminali (li jaqa taħt it-titolu dwar is-setgħat u d-dmirijiet tal-Pulizija Eżekuttiva fil-proċedimenti Kriminali u li fosthom jinkludu t-tehid ta' kampjuni u anki d-dritt tal-assitenza legali) jingħad li :

349.(1) Uffiċjal tal-pulizija għandu jkollu biss dawk is-setgħat vestiti fih skont il-liġi u fil-limitu awtorizzat mil-liġi, u f'din id-disposizzjoni l-kelma liġi għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni.

L-ommissjoni ta' xi kawzjoni, formalità jew ħtieġa preskritti taħt dan it-Titolu m'għandhom ikunu ta' ebda ostaklu biex tinġieb prova, waqt il-kawża, b'mod permess bil-liġi, dwar il-fatti li għalihom tkun tirrelata dik il-prekawzjoni, formalità jew ħtieġa.

Illi għalkemm l-imputat appellat ma kkonsultax ma avukat (minkejja t-twissija mogħtija lilha mill-Pulizija, il-kuntest etc) u minħabba f'hekk qiegħed lilu nnifisu f'posizzjoni preġudikanti li seta' jinkrimina lilu nnifisu, u li kwindi wasslet ukoll għal possibbli leżjoni tad-drittijiet tiegħu, ***tali ommissjoni ta' formalità jew ħtieġa, ma kienetx per se u in se ostakolu għall-ammissibbilità tal-provi***. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għalhekk ma setgħetx ma tapprezzax din il-prova bil-konsegwenza li sempliċiment tiskartaha minħabba n-nuqqas tal-preżenza tal-Avukat fil-*pre-trial stage,* iktar u iktar meta lanqas biss kienet rikjesta mill-liġi ta' dak iż-żmien li din issir *ad obligatem*. Dan ma jfissirx li jekk il-pulizija tonqos milli tħares xi waħda minn dawn il-formalitajiet hi ma tkunx responsabbli għan-nuqqasijiet da parti tagħha iżda lanqas ma jfisser li fin-nuqqas tagħhom il-prova li tkun inġabret fiha nnifisha tispiċċa fix-xejn.

Illi kien għalhekk li l-ewwel Qorti kellha tapprezza l-kontenut ta' din il-prova u tapprezza l-piż jew pern tagħha fid-dawl tal-leżjoni kif iddikjarata fis-sentenza Kostituzzjonali in re Privitera. Meta sempliċiment skarat il-prova tal-istqarrija a bażi tal-leżjoni kif iddikjarata mill-Qorti Kostituzzjonali, mingħajr lanqas ma kkunsidrat u analizzat il-kontenut tagħha, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma segwitx dak li ħareġ mis-sentenza in re Privitera, u spiċċat biex provdiet għal rimedju minħabba l-allegat ksur ta' drittijiet tal-bniedem meta ma kienetx legalment obbligata li tagħmel dan.

Infatti, kieku l-Qorti Kostituzzjonali fil-każ Privitera riedet tannulla jew tisfilza l-istqarrija bħala rimedju, kienet tagħmel dan kategorikament u mhux tibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għall-prosegwiment u *kontinwazzjoni* tal-każ de quo. Dan juri li ma kienx il-kompitu tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li tagħti rimedju minflok il-Qorti Kostituzzjonali. Dan ukoll peress li l-Qorti Kostituzzjonali tista' tirrikonoxxi ksur tad-drittijiet fundamentali mingħajr ma tirrimedjaħ (*just satisfaction*).

Din iċ-ċirkostanza fil-fatt irriżultat fil-kawża Kostituzzjonali fl-ismijiet *Pulizija vs Noel Arrigo et* fejn dik l-Onorabbli

Qorti ddeċidiet li kien hemm leżjoni iżda ma tagħt l-ebda rimedju effettiv apparti li 'titqiegħed kopja ta' dan il-ġudikat fl-atti tal-proċess kriminali fl-ismijiet *Pulizija vs Dr. Noel Arrigo LL.D. et* illi fih ir-referenza kostituzzjonali odjerna'. Effettivament allavolja ġiet iddikjarata din il-leżjoni, il-każ kontra l-akkużati Arrigo u Vella kompla skond il-liġi penali u sa fl-aħħar ġew misjuba ħatja u ġġudikati mill-Qrati Kriminali u konfermati f'istadju ta' appell fil-każ ta' Noel Arrigo. Ma kien hemm l-ebda jedd da parti tal-Qorti Kriminali li tipprovdi rimedju flok il-Qorti Kostituzzjonali għas-sentenza ta' leżjoni mogħtija mill-istess. Il-leżjoni ġiet rikonoxxuta u l-proċeduri tkomplew skond il-liġi minn hemmhekk il-quddiem.

Illi għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ***naqset li tqis il-provi kollha miġjuba quddiemha kif kienet pretiża li tagħmel skond il-liġi***, u liema nuqqas wassal għall-liberatorja inġustifikata tal-imputat appellat li finalment kien ammetta għar-reati kommessi minnu di *sua sponte*. Din l-ammissjoni tibqa li hi u għandha tiġi meqjusa bħala tali. In-nuqqas t'apprezzament tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-konklużjonijiet għas-sentenza liberatorja tagħha indubjament ma jirrappreżentawx apprezzament siewi tal-provi prodotti li kwindi ma jiġġustifikawx il-konklużjonijiet tas-sentenza appellata anke fid-dawl tas-sentenza Kostituzzjonali in re Privitera et al.

Ikkunsidrat:

Fir-rikors tal-appell tieghu, l-Avukat Generali qieghed jargumenta illi l-ewwel Qorti ma messiex skartat l-istqarrija moghtija mill-appellat il ghaliex ma giex moghti d-dritt ta' assistenza legali qabel l-interrogatorju, fuq l-iskorta ta' sentenzi Kostituzzjonali msemmija fl-istess sentenza tal-Qorti tal-Magistrati. Quddiem il-Qorti tal-Appell l-Avukat Generali argumenta illi qabel ma nghatat s-sentenza mill-Qorti tal-Magistrati, il-Qorti Kostituzzjonali ppronuncjat ruhha mod iehor fil-kawza fl-ismijiet "Charles Steven Muscat vs Avukat Generali" moghtija fit-8 ta' Ottubru 2012 u l-ewwel Qorti imissha ghamlet riferenza ghal din is-sentenza.

Bir-rispett, il-Qorti hawnhekk taghmel osservazzjoni illi fil-fatt is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati nghatat fil-hamsa (5) ta’ Ottubru tal-elfejn u tnax (2012), tlett ijiem qabel ma nghatat is-sentenza “Charles Steven Muscat versus l-Avukat Generali.” Ghalhekk l-ewwel Qorti qatt ma setghet tkun influwenzata minn dik is-sentenza u qatt ma setghet tinkorpora l-argumenti ta’ dik is-sentenza fis-sentenza taghha kontra l-appellat. Ghalhekk f’dak l-istadju, l-Qorti tal-Magistrati kellha biss is-sentenzi ta’ “Privitera” u ohrajn fejn dawn kienu kategorici fl-interpretazzjoni taghhom tas-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea fil-kaz ta’ “Salduz versus Turkey”.

Illum is-sitwazzjoni tidher daqsxejn differenti peress illi l-Qorti Kostituzzjonali taghna harset lejn il-kaz ta’ “Salduz versus Turkey” b’lenti differenti u tat interpretazzjoni differenti ghal dak illi nghataw fis-sentenzi precedenti. Il-fatt illi akkuzat ma jkollux assistenza legali fil-bidunett tal-arrest tieghu ma jfissirx awtomatikament illi l-istqarrija moghtija minnu hija nulla, izda trid tqis kemm kien jew ma kienx vulnerabbli l-akkuzat meta gie arrestat mill-pulizija u moghti l-“caution” sabiex jaghmel stqarrija u jekk dak in-nuqqas iwassalx ghall-ksur tal-jedd tas-smigh xieraq.

Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fuq imsemmija “Charles Steven Muscat versus Avukat Generali,” “Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta’ avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-Qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghall-ksur tal-jedd ta’ smigh xieraq u jekk inholoqx il-periklu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dak il-periklu, mela ma hemmx ksur.” Din is-sentenza giet ukoll segwita minn ohra moghtija ftit granet wara “John Attard versus Onorevoli Prim Ministru u L-Avukat Generali” fil-wiehed u tletin (31) ta’ Ottubru tal-elfejn u tnax (2012) fejn fost affarijiet ohra l-istess Qorti Kostituzzjonali qalet, “Ebda Qorti f’ebda hin ma stabbiliet principju universali li n-nuqqas ta’ assistenza legali waqt interrogazzjoni awtomatikament jirrizulta f’lezjoni ta’ dritt ghal smigh xieraq.”

F’dan il-kaz irrizulta illi fi zmien illi ttiehdet l-istqarrija fit-tletin (30) ta’ Marzu tal-elfejn u tmienja (2008) l-appellat kien ragel matur ta’ tmienja u tletin (38) bi precedenti mal-pulizija minn fejn irrizulta illi huwa kiser difru mal-ligi diversi drabi. Irrizulta ukoll illi huwa fehem sewwa t-twissija illi ghamillu l-ispettur, tant hu hekk illi fejn deherlu illi ma jwegibx ghal xi domandi illi sarulu, hekk ghamel u hadd ma fixklu. Lanqas ma rrizulta illi l-appellat kien ibaghti minn xi forma ta’ vulnaribiltà hekk li facilment ikun intimidat bl-ambjent fejn isir l-interrogazzjoni. Ukoll ma rrizultax l-istqarrija ttiehdet bi vjolenza, b’qerq jew theddid jew xi forma ta’ intimidazzjoni.

Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti n-nuqqas ta’ assistenza legali fil-bidu tal-arrest tal-appellat ma jwassalx ghall-ksur tal-jedd ta’ smigh xieraq u l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-istqarrija moghtija mill-appellat fid-deliberazzjonijiet taghha sabiex tasal ghall-konkluzjoni dwar htija o meno.

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u peress illi ma nstemghux provi u lanqas ma sar xi kontro ezami quddiem din il-Qorti, tordna illi l-kawza tinstema’ mill-gdid quddiemha.

< Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------